



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2013/2023(INI)

17.6.2013

EMENDI

1 - 9

Abbozz ta' opinjoni
Ria Oomen-Ruijten
(PE510.701v01-00)

It-titjib tad-dritt internazzjonali privat: regoli dwar il-ġurisdizzjoni applikabbli
għall-impjieg
(2013/2023(INI))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Evelyn Regner, Sylvana Rapti

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu Aa (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

Aa. billi l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001¹ jipprevedi li t-teknika tar-riformulazzjoni għandha tintuża għal atti li huma emendati b'mod frekwenti, li ma kienx il-każ tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000; f'każijiet bħal dawn l-użu tat-teknika tar-riformulazzjoni huwa limitazzjoni mhux ġustifikata tad-drittijiet ta' kodeċiżjoni tal-Parlament Ewropew;

¹ *Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali, ĠU C 077, 28.3.2002, p. 1.*

Or. en

Emenda 2
Evelyn Regner, Sylvana Rapti

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu Ab (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

Ab. billi huwa ta' importanza kbira għad-dritt internazzjonali privat fil-livell Ewropew li jipprevjeni t-tiftix tal-aħjar ġurisdizzjoni (forum shopping) – l-aktar meta dan jista' jkun ta' detriment għall-parti l-aktar dgħajfa, bħalma huma l-ħaddiema b'mod partikolari – u li jiżgura l-akbar livell possibbli ta' prevedibbiltà rigward il-ġurisdizzjoni;

Emenda 3
Evelyn Regner, Jutta Steinruck, Sylvana Rapti

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu Ac (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

Ac. billi, fil-prinċipju, il-qorti tal-Istat Membru bl-eqreb rabta mal-każ għandu jkollha l-ġurisdizzjoni; b'mod partikolari, f'dak li għandu x'jaqsam mal-azzjonijiet industrijali, il-qorti tal-Istat Membru fejn l-azzjoni industrijali ttieħdet jew se ttieħdet għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni;

Or. en

Emenda 4
Evelyn Regner, Sylvana Rapti

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1. Jinnota l-għan tal-protezzjoni tal-ħaddiem stipulat fir-regoli ta' ġurisdizzjoni attwali;

1. Jinnota ***li wieħed mill-prinċipji ewlenin tad-dritt internazzjonali privat dwar il-ġurisdizzjoni huwa l-protezzjoni tal-parti l-aktar dgħajfa u li*** l-għan tal-protezzjoni tal-ħaddiem ***huwa*** stipulat fir-regoli ta' ġurisdizzjoni attwali;

Or. en

Emenda 5
Siiri Oviir

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Jinnota l-għan tal-protezzjoni tal-ħaddiem stipulat fir-regoli ta' ġurisdizzjoni attwali;

Emenda

1. Jinnota l-għan tal-protezzjoni tal-ħaddiem stipulat fir-regoli ta' ġurisdizzjoni attwali, ***ladarba l-ħaddiema huma l-parti l-aktar dgħajfa***;

Or. et

Emenda 6
Evelyn Regner, Sylvana Rapti

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jinnota li l-ħaddiema huma ġeneralment protetti sew mir-regoli ta' ġurisdizzjoni, f'materji ta' impjieg, meta jkunu konvenuti f'kawżi mressqa mill-impjegaturi tagħhom;

Emenda

2. Jinnota li l-ħaddiema huma ġeneralment protetti sew mir-regoli ta' ġurisdizzjoni, f'materji ta' impjieg, meta jkunu konvenuti f'kawżi mressqa mill-impjegaturi tagħhom ***permezz tal-kriterji ta' ġurisdizzjoni esklużivi stabbiliti fir-Regolament Brussell I***;

Or. en

Emenda 7
Evelyn Regner, Jutta Steinruck, Sylvana Rapti

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jitlob titjib tar-regoli ta' ġurisdizzjoni ***applikabbli għall-proċedimenti li għandhom bħala s-suġġett tagħhom*** kuntratti individwali ta' impjieg;

Emenda

3. Jitlob titjib tar-regoli ta' ġurisdizzjoni ***Ewropej fil-qasam ta' materji ta' impjieg, applikabbli għal azzjonijiet industrijali u*** kuntratti individwali ta' impjieg;

Or. en

Emenda 8

Evelyn Regner, Jutta Steinruck, Sylvana Rapti

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3a. Jitlob li l-Kummissjoni tipproponi emenda għar-Regolament Brussell I għal forum esklużiv għal tilwim li jikkonċerna l-azzjoni industrijali, fil-post fejn għandha tittieħed jew ittiedet l-azzjoni industrijali;

Or. en

Emenda 9

Evelyn Regner, Jutta Steinruck, Sylvana Rapti

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4. Jitlob li l-qrati tal-Istat Membru li fih l-impjegatur ikun stabbilit ikollhom ġurisdizzjoni esklussiva fuq proċedimenti li fihom ħaddiem li jkun residenti fi Stat Membru wieħed iwettaq xogħol abitwalment fi Stat Membru differenti minn dak li l-impjegatur ikun effettivament stabbilit fih.

4. Jitlob li l-Kummissjoni tipproponi emenda għall-Artikolu 19 tar-Regolament Brussell I biex tiżgura li l-ħaddiem jista' jfittex lill-impjegatur tiegħu fil-qrati tal-Istat Membru fejn il-ħaddiem ikun domiċiljat;

Or. en